# QORTI TAL-MAGISTRATI MALTA

**MAGISTRAT**

**DR MICHAEL MALLIA LL.D.**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn 19 ta' Novembru 2001**

**Numru 1**

**Avviz. numru 609/98mm**

**Hugh P Zammit ghan-nom u in rapprezentanza tal-kumpanija Galdes & Mamo Limited u din in rapprezentanza tal-kumpanija assikurattrici estera Royal International Insurance Holdings Limited kif surrogata fid-drittijiet tal-assikurat taghha Ray's Garage sija bil-polza u sia bil-ligi u l-istess Ray's Garage**

**vs**

**Direttur tat-Toroq u Malta Development Corporation**

**Il-Qorti,**

Rat l-avviz ipprezentat mill-atturi fit-2 ta' April 1998 fejn talbu lil din il-Qorti li tikkundanna lill-konvenuti jew min minnhom ihallsu lill-attur nomine s-somma ta' tmien mija u tnax-il lira Maltija u

disgha u centezmi (Lm812.09c) rapprezentanti danni kagunati nhar it-8 ta’ Gunju 1996 fil-vettura V-4555 misjuqa minn Faustino Cachia u proprjeta’ tal-assikurat tal-attur nomine, meta waqt li dan kien qed isuq f’Ricasoli Industrial Estate, Kalkara, sfronda gandott tax-xita taht din l-imsemmija vettura.

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tad-29 t’Awissu 1997 u bl-imghax mid-data tal-istess ittra li huma jew min minnhom il-konvenuti gew ingunti ghas-subizzjoni.

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tal-konvenut Direttur tat-Toroq fejn eccepixxa:

1. Illi t-talba attrici hija nfondata fil-fatt u fid-dritt stante li huwa Faustino Cachia, u cioe’ s-sewwieq tal-vettura, li hu unikament responsabbli ghad-danni kkagunati fil-vettura.

2. Illi,minghajr pregudizzju, l-Malta Developmet Corporation hija responsabbli ghal Industrial Estates u mhux l-esponenti.

3. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjez.

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tal-korporazzjoni konvenuta Malta Development Corporation fejn eccepiet:

1. Illi d-domanda attrici hija nfondata fil-fatt u fid-dritt u ghandha tigi respinta bl-ispejjez.

2. Illi l-Qasam Industrijali ta' Rikasoli, bhal kull Qasam Industrijali iehor huwa maghmul minn numru ta' fabbriki mikrija lill-industrijalisti privati u service roads biex jigu wzati mill-utenti ta' l-istess Qasam Industrijali.

3. Illi mhuwiex car x'kien qieghed jaghmel hemmhekk Faustino Cachia u jekk kellux dritt jaccedi fl-istess post.

4. Illi kull triq tista, b'xi mod jew iehor, tkun perikoluza u ghalhekk huwa d-dmir tas-sewwieq li jezercita' diligenza ragjonevoli u jzomm l-attenzjoni tieghu fuq it-triq.

5. Salv eccezzjonijet ohra.

Bl-ispejjez.

Rat id-digriet taghha tal-31 ta' Mejju 2000 fejn ordnat korrezzjoni fil-korp ta' l-avviz fis-sens illi d-data 15 ta' Gunju 1996 tigi kancellata u flokha ssir id-data 8 ta' Gunju 1996. Ordnat in-notifika tal-avviz kif korrett.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet ulterjuri tal-*Malta Development Corporation* fejn eccepiet:

Illi t-talba attrici hija preskritta a tenur ta' l-Artikolu 2153 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

Bl-ispejjez.

Semghet ix-xhieda bil-gurament.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha tal-kawza.

Ikkunsidrat:

Illi bil-verbal tas-seduta tal-31 ta' Ottubru,2001 il-Qorti halliet din il-kawza ghas-sentenza fuq il-kap ta' preskrizzjoni mqajjma mill-konvenuta korporazzjoni. Din l-eccezzjoni hija bbazata fuq l-artikolu 2153 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta li jippreskrivi azzjoni ghad-danni ghal zmien sentejn. Din l-eccezzjoni nghatat peress illi l-avviz, kif korrett, gie notifikat lill-korporazzjoni fit-13 ta' Ottubru,2000, aktar minn sentejn mill-gurnata illi gara l-incident.

Ikkunsidrat:

Illi l-artikolu 175 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili jaghti l-fakulta lill-Qorti sew ta' prima stanza, kif ukoll dik fi stadju ta' l-appell li tippermetti f'kull waqt tal-kawza qabel is-sentenza, talba tal-parti interessata sostituzzjoni ta' l-att, bdil fi skritturi u kull korrezzjoni rikjesta kemm-il darba tali sostituzzjoni jew tibdil bhal dan ma jbiddilx is-sustanza ta' l-azzjoni jew l-eccezzjoni fuq il-meritu tal-kawza.

It-talba ta' l-attur kienet biss intiza sabiex tbiddel id-data ta' l-incident meritu tal-kawza, biex dana jigi ndikat tajjeb peress illi fl-avviz jidher illi gie ndikat b'mod zbaljat. Tali korrezzjoni mhux biss kienet mehtiega sabiex tigi evitata l-konfuzzjoni futura izda

wkoll permessa bil-provvedimenti ta' l-artikolu fuq citat. Dana qed jinghad peress illi l-korrezzjoni ma tbiddilx is-sustanza ta' l-azzjoni u lanqas ma tolqot l-eccezzjoni fuq il-meritu tal-kawza.

Il-korporazzjoni konvenuta mhijiex qieghdha tikkontesta l-fatt illi saret il-korrezzjoni tant illi bin-notifika ta' l-avviz kif korrett lahaq ghadda l-perjodu preskrittiv u ghalhekk ma hemmx aktar azzjoni fil-konfront taghha.

Il-kwistjoni trid tigi ventilata minn din il-Qorti huwa jekk din il-korrezzjoni taffetwax dan il-perjodu preskrittiv jew le. Il-Qorti rat in-nota ta' osservazzjonijiet illi pprezenta l-attur liema nota fiha r-rilevanza taghha. Apparti s-sentenzi illi hemm ikkwotati l-Qorti taghmel referenza ukoll ghal kawza fl-ismijiet Bartolomeo Zarb vs Jesmond Camilleri deciza mill-Prim Awla fit-30 ta' Mejju 1997. F'din il-kawza ntalab korrezzjoni illi giet akkordata u giet ordnata n-notifika lill-konvenut. Il-Qorti qalet illi jekk in-notifika ssir wara z-zmien preskritt mill-ligi, l-Qorti ghandha tara jekk bil-korrezzjoni l-kawza baqghetx l-istess, jekk baqghet l-istess l-eccezzjoni ta' preskrizzjoni ghandha tigi michuda. Ma hemmx dubbju illi bil-korrezzjoni maghmula l-azzjoni baqghet l-istess. Il-konvenuti kienu jafu ghal xhiex ghandhom jirrispondu, tant illi pprezentaw eccezzjonijiet dwar il-meritu liema eccezzjonijiet ma kienux ser jigu affettwati bil-korrezzjoni maghmula.

Ghalhekk il-Qorti fuq l-iskorta tas-sentenzi msemmija mill-attur fin-nota tieghu kif ukoll dik ikkwotata minnha stess ma ssib l-ebda fondament f'din l-eccezzjoni tal-korporazzjoni konvenuta u konsegwentement tichadha bl-ispejjez kontra l-istess

korporazzjoni konvenuta. Tordna wkoll il-prosegwiment tal-kawza bis-smiegh dwar il-meritu.

Anthony Zammit
Dep Reg